MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 182/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Spiteri**

**VS**

**Oivend Xuereb, iben Jesmond u Roslyn nee' Camilleri, imwieled Tal Pieta' nhar l-10 ta' Dicembru, 1985, residenti fil-fond Block 6, Flat 3, Triq il-Fosos, Floriana, detentur tal-karta tal-identita' numru 328885M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Oivend Xuereb** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Marzu, 2007, minn gewwa l-lukanda Fortina Spa and Resort, f'Tas Sliema, ikkommetta serq ta' apparat teknologiku, flus, u oggetti

ohra ghad-dannu ta’ Stephen Hales, Malcolm Steele, Gwyneth Mary Burford, Thomas Gardner, u Joseph Lacey, illi huma kollha mill-Ingilterra, liema valur komplessiv jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), u liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin, u bil-mezz;

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv fuq sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb fl-interrogatorju li ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

- L-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 49, 50, u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, moqrija l-istess Artikoli (folio 219).

Rat il-provi kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispecie ta’ din il-kawza, huma varji serqiet illi saru mill-kmamar tal-Fortina Hotel ghad-dannu ta’ varji klijenti residenti tal-istess lukanda. Gie prezentat CCTV recording mehud mill-kurituri tal-istess lukanda, li minnu nhargu stills fuq ordni tal-Qorti mill-espet Dr Martin Bajada, Dok MB folio 153.

Illi xehdu d-derubati residenti tal-lukanda. Steven Hayes qal bl-Ingliz (l-imputat iddikkjara li jifhem bil-lingwa Ngliza), illi huwa kien f’kamra 626, Hotel Fortina, u l-Gimgha

filghaxija, waqt illi kien ser jirritorna lejn kamartu wara c-cena, innota lil xi hadd hiereg mill-kamra. Kellmu. Innota li f'idu kellu card key tal-lukanda. Dan qallu li kien hemm problema bid-dawl ta' sular 'l isfel. Rah diehel fil-kamra ta' hdejhom. Qal illi aktar tard induna li c-cellulari tieghu kien nieqes mill-kamra, kif ukoll is-somma ta' mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm115.00), u hamsa u erbghin Lira Sterlina (£45). Qal illi l-mobile kien tal-marka Nokia u swielu disghin Sterlina (£90). Gharaf lill-persuna li harget mill-kamra bhala l-imputat. Qal "*Yes, as far as I am able to say with good confirmation that he is the person sitting there.*" (folio 16). Hawn kien qieghed jaghmel referenza ghall-imputat. Qal illi minn dan kien cert, anke stante li hu kien pulizija rtirat u kien imdorri, anzi kellu esperjenza li malajr u bl-ghagla jinnota l-fattizzi tan-nies. Zied illi l-individwu fil-kuritur kien liebes basketball hat, pero din kienet *"…tipped to the back of the head, so I was able to see his face clearly.*" (folio 18).

Zied ukoll in kontro ezami illi hu ma seta' jaralu xejn f'idu.

Malcolm Steele qal illi hu kien fil-kamra 405 fil-Fortina. Insterqitilhom camera Canon 350 digital, valur ta' circa hames mija hamsa u ghoxrin(525) – hames mija u hamsin(550) Sterlina Ingliza; tromba ta' valur ta' circa tliet mija u hamsin Lira Sterling (£350); zewg mobile phones Nokia stmati ghoxrin Lira Sterlina (£20)-il wiehed; hand-held digital diary ta' valur ta' circa mitejn u hamsin Lira Sterling (£250). Qal illi fil-kamra ma sab ebda sgass.

Joseph Lacey minn naha tieghu xehed illi anke hu, waqt illi kien residenti gewwa l-Fortina, insterqulu mill-kamra, waqt illi kien flimkien ma' martu f'cena, DVD camera mixtrija ghall-prezz ta' disa' mitt lira Sterlina (£900); u curkett tal-mara biz-zafir u djamanti mixtri mitejn u hamsin Lira Sterlina (£250).

Thomas Gardner xehed dwar serq illi sofra mill-kamra 514 ta' Nokia mobile phone mixtri disgha u disghin Lira Sterlina (£99), meta nizel jiccena.

Gwyneth Mary Bredford minn naha taghha qalet illi mill-kamra 512 Fortina Hotel insterqulha mobile phone u charger illi kellhom valur ta' mija u hamsin Lira Sterlina (£150). Anke din fil-kamra ma rriskontrat ebda taqlib. Indunat bis-serq filghodu ghall-hin tal-ewwel kollazzjon.

Minn naha tal-lukanda, bhala rapprezentant taghha, xehdu Paul Sixsmith. Qal dan illi hu manager tal-lukanda Fortina. Xehed dwar serq illi sehh mill-kmamar tal-lukanda. Qal illi dan sar billi ntuzat card key tal-istess lukanda. Qal illi din il-card kienet mahruga lil membru tal-staff tal-lukanda, li pero ma kinx xoghol dakinhar illi kienet giet uzata. Qal illi din il-card kienet mahruga lil certu Anthony Schembri. Qal anke li nqraw il-codes tal-kmamar li bihom infethu l-kmamar. Qal illi dan Anthony Schembri jahdem bix-shift day in day out, u dakinhar illi ntuzat il-card, dan kien bid-day out.

Edwin Zammit xehed dwar il-fatt illi hu kien ircieva lment minn wiehed mill-klijenti tal-lukanda. Anke dan kien manager fil-lukanda Fortina. Ircieva rapport minn klijent tal-lukanda li wara d-dinner sab xi affarijiet nieqsa mill-kamra tieghu. Xehed illi ma' dan sehhu hames rapporti ohra.
Giet ezebit ir-rapport, Dok EZ, illi rcieva dan ix-xhud, a folio 166.

Damien Sant Fournier, operations manager fil-lukanda derubata, xehed dwar l-incidenti li sehhu hemm bejn it-2 u t-3 ta' Marzu, 2007; dwar skondtu erba'(4) kmamar illi minnhom sehh is-serq. Semma l-klijenti derubati fosthom Margaret Leighs Room 505; Joseph Lacey Room 506; xi hadd fil-kamra 512; u klijent iehor fil-kamra 514. Xehed ukoll illi ftit xhur qabel, xi tlitt xhur, kien jahdem fil-lukanda. Ezebixxa r-rapport ta' dak li okkorra bhala Dok DSF folio 180.

Minn naha tieghu Anthony Schembri xehed dwar il-card key illi kellu fil-Fortina Hotel, illi kien ihalli go kexxun imsakkar li kien hemm f'kamra li kienet tipo ta' store. Xehed illi hu dakinhar tas-serq kien "off". Sab meta mar

hemm mal-pulizija, dan il-locker sgassat - dan fejn kienet tinzamm il-card key uzata fis-serqiet rizultanti.

Ta’ din ix-xena tas-serq, gew ezebiti sett ritratti mehuda minn PC 453 Brian Cassar, folio 176.

Kif gia’ intqal, giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-imputat, a folio 9. Din ittiehdet wara li hu nghata d-debita twissija kif xehed l-Ispettur Malcolm Spiteri. Senjalament dan qal illi matul il-kors tal-investigazzjoni, wara li gie mitkellem minnu, l-imputat kien ammetta mieghu l-involviment tieghu f’dawn is-serqiet. Qal illi kien gie nfurmat illi kien arrestat, u li dan Xuereb kien anke qallhom li dawk l-oggetti li ma kinx gia’ biegh fuq l-idejn kien lest jirritornahom. Xehed l-Ispettur illi kien ghalhekk illi dan Xuereb beda jcempel lil terzi biex jottjeni lura r-res furtiva, pero ma kellux kuntatt. Xehed illi kien ghalhekk illi nghata l-Police Bail talli tahom il-kelma tieghu li jmur igib dak li kien baqa’ mir-res furtiva. Qal l-Ispettur illi hu, cioe’ Xuereb, iddeskriva fid-dettall zewg video cameras, mobiles u memory cards misruqa. Xehed illi moghti l-Police Bail, allura biex igib lura l-affarijiet misruqa, l-ghada attenda l-ghassa u hawn qallhom illi ma kinx possibbli ghalih igib lura dawn l-oggetti misruqa. Lill-Ispettur qallu li ma kellux ghalfejn imur ghalihom.

PS 1136 Fabian Fleri kien investiga hu wkoll dawn is-serqiet. Darba li rnexxielu jirrintracca lil Xuereb u kellmu gewwa l-ghassa tal-pulizija, qal illi nfurmah illi kien taht arrest, anke ghax ma setax jikkonferma l-alibi tieghu. Qal illi wara li hu (dan ix-xhud kien gie nfurmat minn PC 648 Kurt Grech illi mieghu Xuereb kien ammetta l-involviment tieghu f’dan is-serq), rega’ kellmu. Hawn Xuereb kien infurmahom illi kien qieghed jibza’ jghid il-verita’, stante li kellu Ordni ta’ Probaiton u anke ghax kien diga’ biegh dawn l-oggetti fuq l-idejn lil xi ndividwu mhux ta’ karattru tajjeb, u kien jibza’ minnhom. Ammetta maghhom l-oggetti misruqa u anke li f’dawn ir-reati kien liebes flokk blue u basketball cap. Ezebixxa r-rapport, Dok FF folio 79.

Minn naha tieghu, PC 648 Kurt Grech xehed ukoll dwar l-arrest ta’ Xuereb effettwat wara d-debita twissija mis-

Surgent Fabian Fleri. Qal illi ghal xi hin hu kien wahdu ma' Xuereb, u dan mieghu ammetta li jumejn qabel kien mar il-Fortina Hotel u ha xi affarijiet mill-kmamar. Jghid dan ix-xhud illi allura kien staqsa lil Xuereb ghala ma kinx qal l-ismijiet. Wiegbu li gia' kellu kaz iehor li kellu multa mhux imhallsa fuqu, u beda jibza' li jista' jehel il-habs. B'dan kollu dan il-Kuntistabbli nforma lis-Surgent. Xehed ukoll illi Xuereb anke stqarr mas-Surgent illi ma kinx possibbli jgib lura l-oggetti misruqa ghax kien tahom lil nies ta' karattru xejn helu.

Ikkunsidrat:

Illi in linea mad-diversi sentenzi moghtija fil-kuntest ta' stqarrija mehuda minghajr l-assistenza tal-Avukat Difensur u l-izviluppi taht l-istess, il-Qorti kkonsidrat l-eta' ta' Xuereb fiz-zmien tar-rilaxx taghha – hamsa u ghoxrin(25) sena; kif ukoll il-fedina penali tieghu, li ghalkemm mhix l-iktar wahda sfrattata, xorta turi li Xuereb kien ikkommetta reati ta' natura serja. Fi kwalunkwe kaz, fl-istess stqarrija, l-imputat ma jammettix l-involvivment tieghu f'dawn is-serqiet. Ammetta pero li hu nghata l-Police Bail biex imur igib fi kliemu "cameras u mobiles", folio 10.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi l-imputat, stante l-passat u l-eta' tieghu meta rrilaxxa l-istqarrija, ma kinx daqstant vulnerabbli daqs kemm trid illi jitwemmen id-Difiza. Oltre hekk, l-istess imputat minn jeddu ammetta, moghti d-debita twissija verbalment, illi kien involut f'dan is-serq mal-Ufficjal tal-Pulizija, anke nghata l-Police Bail biex imur igib ir-res furtiva. L-ghada ghazel illi ma jikkoperax!!

Illi oltre hekk, il-Qorti ma tistax ma tihux in konsiderazzjoni wkoll illi x-xhud Steven Hayes gharaf sew lill-imputat, u ma kellu ebda dubbju dwar dan.

Il-Qorti fil-fatt, tenut kont ta' dak li rrizulta, thoss illi b'dak illi minn jeddu ghazel illi jghid l-istess Xuereb, maghdud mal-identifikazzjoni tal-imputat minn Hayes, ghandu jinstab hati ta' dan is-serq, wara li l-Qorti rat:

- L-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront tar-recidiva, rat illi ma giet ezebita lilha ebda sentenza.

Qieset dwar il-piena, illi l-imputat inghata gia’ opportunitajiet biex jirriforma ruhu – ghal xejn, u ghalhekk qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------